

Brussell, 29 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5741/25
ADD 1

AGRILEG 13
VETER 12

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Jannar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	D103880/01 ANNEX
Suġġett:	ANNEX tar-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...ta'XXXli jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti għall-introduzzjoni fis-suq u l-importazzjonijiet ta' prodotti sekondarji tal-annimali u ta' prodotti derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D103880/01 ANNEX.

Mehmuż: D103880/01 ANNEX

MT

ANNEX

Parti 1

L-emendi tal-Annessi IV, V, XIV u XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011

L-Annessi IV, V, XIV u XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 huma emendati kif ġej:

- (1) fl-Anness IV, il-Kapitolu IV huwa emendat kif ġej:
- (a) it-taqsima 2 hija emendata kif ġej:
- (i) il-punt D(2)(a)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(ii) fil-każ tal-materjali tal-Kategorija 3, minbarra ż-żejt tal-ikel użat, kwalunkwe wieħed mill-metodi ta' proċessar minn 1 sa 5 jew il-metodu ta' proċessar 7 jew, fil-każ ta' materjal derivat mill-ħut, il-metodi ta' proċessar minn 1 sa 7, kif stabbilit fil-Kapitolu III;”;
- (ii) fil-punt J(1)(a), jiżdied is-subpunt li ġej:
- “(iv) żejt tal-ikel użat tal-materjali tal-Kategorija 3.”;
- (iii) il-punt L(1)(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(b) żejt tal-ikel użat tal-materjali tal-Kategorija 3, xaħmijiet imdewba u żejt tal-ħuta li jikkonformaw mal-punt J(1)(a) ta' din it-Taqsima.”;
- (iv) jiżdiedu l-punti M u N li ġejjin:
- “M. Il-produzzjoni ta' bijodiżil mix-xaħmijiet ipproċessati derivati mill-prodotti sekondarji tal-annimali tal-Kategorija 1, 2 u 3
1. Materjali tal-bidu
- Għal dan il-proċess, jistgħu jintużaw ix-xaħmijiet imdewba tal-materjali tal-Kategoriji 1, 2 u 3 u ż-żejt tat-tisjir użat tal-materjali tal-Kategorija 3.
2. Metodi ta' proċessar
- Flief meta jintuża ż-żejt tal-ħuta li jkun ġie prodott f'konformità mat-Taqsima VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004*, jew meta jintuża x-xaħam imdewweb li jkun ġie prodott f'konformità mat-Taqsima XII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, il-frazzjoni ta' xaħam derivata mill-prodotti sekondarji tal-annimali l-ewwel għandha tiġi pproċessata bl-użu ta':
- (a) fil-każ tal-materjali tal-Kategorija 1 jew 2, il-metodu ta' proċessar 1 (sterilizzazzjoni bi pressjoni), kif stabbilit fil-Kapitolu III ta' dan l-Anness; u
- (b) fil-każ tal-materjali tal-Kategorija 3, minbarra ż-żejt tal-ikel użat, kwalunkwe wieħed mill-metodi ta' proċessar

minn 1 sa 5 jew il-metodu ta' proċessar 7, jew, fil-każ tal-materjal derivat mill-ħut, il-metodi ta' proċessar minn 1 sa 7, kif stabbilit fil-Kapitolu III ta' dan l-Anness.

3. Wara li jsir l-ipproċessar f'konformità ma' wieħed mill-metodi ta' proċessar imsemmija fil-punt 2, il-materjali tal-bidu msemmija fil-punt 1 għandhom ikunu soġġetti għall-passi li ġejjin:
 - (a) proċess ta' tindif minn qabel għat-tneħħija ta' impuritajiet li ma jinħallux li jaqbżu \dot{z} -0,15 %. Il-likwidi mnaddfa li jirriżultaw, li jinkisbu mill-proċess ta' tindif minn qabel, għandhom jiġu ppumpjati fit-tank tal-bijodiżil fl-istabbiliment fejn jinħażnu l-likwidi mnaddfa, bħala materja prima li tintuża għall-bijodiżil, sakemm jiġu pproċessati;
 - (b) esterifikazzjoni/transesterifikazzjoni aċiduża (1,5 % ta' aċidu metansulfoniku (MSA, methane sulfonic acid) w/w; 140 °C; pressjoni assoluta ta' 5,5 bar (bara); 4 sigħat) għall-konverżjoni tal-materja prima mnaddfa f'bijodiżil; u
 - (c) distillazzjoni frazzjonali: il-bijodiżil għandu jiġi frazzjonat (≥ 220 °C; minn 10 sa 35 millibar (mbara)) f'diversi prodotti raffinati, kull wieħed bi ktajjen tal-karbonju ta' tul partikolari, li jirriżultaw f'lottijiet ta' bijodiżil bi speċifikazzjonijiet differenti.
 4. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-pjan tal-HACCP li tivverifika u tirreġistra l-parametri ewlenin tal-ipproċessar tal-passi deskritti fil-punti 1, 2 u 3.
- N. Il-proċess tal-produzzjoni tal-bijodiżil bl-użu ta' xaħmijiet imdewba tal-prodotti sekondarji tal-annimali tal-Kategorija 1, 2 u 3
1. Materjali tal-bidu

Għal dan il-proċess għandha tintuża frazzjoni ta' xaħam derivata mill-prodotti sekondarji tal-annimali tal-materjali tal-Kategoriji 1, 2 u 3.
 2. Metodi ta' proċessar
 - (a) Ħlief meta jintuża \dot{z} -żejt tal-ħuta li jkun ġie prodott f'konformità mat-Taqsima VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, jew meta jintuża x-xaħam imdewweb li jkun ġie prodott f'konformità mat-Taqsima XII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, il-frazzjoni ta' xaħam derivata mill-prodotti sekondarji tal-annimali l-ewwel għandha tiġi pproċessata bl-użu ta':
 - (i) fil-każ tal-materjali tal-Kategorija 1 jew 2, il-metodu ta' proċessar 1 (sterilizzazzjoni bi

pressjoni), kif stabbilit fil-Kapitolu III ta' dan l-Anness; u

(ii) fil-każ tal-materjali tal-Kategorija 3, minbarra ż-żejt tal-ikel użat, kwalunkwe wieħed mill-metodi ta' proċessar minn 1 sa 5 jew il-metodu ta' proċessar 7, jew, fil-każ ta' materjal derivat mill-ħut, il-metodi ta' proċessar minn 1 sa 7, kif stabbilit fil-Kapitolu III ta' dan l-Anness; fil-każ tax-xaħam li joriġina mill-annimali ruminanti, għandhom jitneħħew l-impuritajiet li ma jinħallux ta' aktar minn 0,15 % fil-piż.

(b) Il-proċess tal-produzzjoni tal-bijodiżil li ġej għandu jikkonsisti f'fażi ta' konverżjoni ta' esterifikazzjoni u transesterifikazzjoni f'pass uniku b'temperatura ta' mill-inqas 200 °C, pressjoni ta' mill-inqas 70 bar b'ħin ta' retenzjoni ta' mill-inqas 15-il minuta, bl-użu tal-ossidu tal-manjeżju (MgO) bħala katalizzatur u fil-preżenza ta' tip ta' alkoħol (metanol) segwit minn distillazzjoni f'vakwu ($f \geq 150$ °C, ≤ 10 mbar) tal-prodott finali, il-bijodiżil.

3. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-pjan tal-HACCP li tivverifika u tirreġistra l-parametri ewlenin tal-ipproċessar tal-passi deskritti fil-punti 1 u 2;

* Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/853/oj>).';

(b) fit-Taqsima 3, fil-punt 2(b), is-sentenza introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

“(b) il-proċess tal-produzzjoni tal-bijodiżil imsemmi fit-Taqsima 2, il-punti D, M u N jista' jkun:”;

(2) fl-Anness V, fil-Kapitolu I, fit-Taqsima 1, fil-punt 2, jiżdied il-punt (g) li ġej:

“(g) frass ipproċessat li jkun ġie pproċessat f'konformità mal-Anness XI, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, il-punt (b);”;

(3) L-Anness XIV huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Kapitolu I, fit-Taqsima 2, il-punt 5(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Il-proteina pproċessata tal-annimali li tinkiseb mill-insetti mrobbija tista' tiġi importata fl-Unjoni, dment li tkun ġiet prodotta f'konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-insetti jkunu jappartjenu għal waħda minn dawn l-ispeċijiet li ġejjin:

- id-dubbiena suldat sewda (*Hermetia illucens*) u d-dubbiena tad-djar (*Musca domestica*),
 - id-dudu tad-dqiq (*Tenebrio molitor*) u d-dudu tad-dqiq żgħir (*Alphitobius diaperinus*),
 - il-grillu tad-djar (*Acheta domestica*), il-grillu tropikali (*Grylodes sigillatus*) u l-grillu tal-ġhelieqi (*Gryllus Assimilis*),
 - id-dudu tal-ħarir (*Bombyx mori*);”;
- (b) fil-Kapitolu II, fit-Taqsima 1, it-Tabella 2 hija emendata kif ġej:
- (i) fir-ringiela 12, fil-ħames kolonna bit-titolu “Listi ta’ pajjiżi terzi”, il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “(b) Fil-każ tal-affarijiet ta’ tgerrim mill-klieb u tal-ikel għall-annimali domestiċi, minbarra l-ikel nej għall-annimali domestiċi:
- Il-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness XIII, fil-Parti 1 tal-Anness XIV, jew fil-Parti 1, it-Taqsima A, tal-Anness XV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404, u l-pajjiżi terzi li ġejjin:
- (AL) L-Albanija
 - (EC) L-Ekwador
 - (DZ) L-Alġerija
 - (GE) Il-Georgia (l-ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi biss, minbarra l-ikel fil-laned għall-annimali domestiċi)
 - (LK) Is-Sri Lanka
 - (SA) L-Arabja Sawdija (l-ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi li joriġina mill-pollam biss)
 - (SV) El Salvador
 - (TW) It-Tajwan
 - (ID) L-Indoneżja (l-ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi li fih il-proteina pproċessata tal-annimali li toriġina mill-insetti biss)
- Fil-każ tal-materjal tal-ħut, il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness IX tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/405.”;
- (ii) fir-ringiela 17, fit-tielet kolonna bit-titolu “Materja prima (referenza għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009)”, il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “(a) Fil-każ tal-materjali maħsuba għall-produzzjoni tal-bijodiżil, tal-prodotti oleokimiċi derivati mill-bijodiżil, jew tal-fjuwils rinnovabbli msemmija fil-Kapitolu IV, it-Taqsima 2, il-punti L, M u N tal-Anness IV:
- il-materjali tal-Kategoriji 1, 2 u 3 msemmija fl-Artikoli 8, 9 u 10.”;
- (c) fil-Kapitolu II, fit-Taqsima 11, it-Tabella 3 hija sostitwita b’dan li ġej:

“Tabella 3

Importazzjoni tal-fotoġelatina

<i>Pajjiż terz ta' oriġini</i>	<i>Impjanti ta' oriġini</i>	<i>Stat Membru tad-destinazzjoni</i>	<i>Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-ewwel dħul fl-Unjoni</i>	<i>Fabbriki tal-fotografija approvati</i>
Il-Ġappun	Nitta Gelatin Inc., 2-22 Futamata Yao-City, Osaka 581-0024 il-Ġappun Jellice Co., Ltd. 4-1, Sakae 4-Chome, Tagajo-City, Miyagi 985-0833, il- Ġappun	In-Netherlands	Rotterdam l-ajruport Schiphol — Amsterdam	Fujifilm Manufacturing Europe B.V., Oudenstaart 1, 5047 TK Tilburg, In-Netherlands
	Nitta Gelatin Inc., 2-22 Futamata Yao-City, Osaka 581-0024 il-Ġappun	Iċ-Ċekja	Hamburg	FOMA Bohemia, spol. SRO Jana Krušinky 1604 501 04 Hradec Králové, Iċ-Ċekja
L-Istati Uniti	Eastman Gelatine Corporation, 227 Washington Street, Peabody, MA, 01960 USA Gelita North America, 2445 Port Neal Industrial Road Sergeant Bluff, Iowa, 51054, l-Istati Uniti tal-Amerka	Iċ-Ċekja	Hamburg	FOMA Bohemia spol. SRO Jana Krušinky 1604 501 04 Hradec Králové, Iċ-Ċekja”

‘,
;

(4) L-Anness XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Kapitolu 1a huwa sostitwit b'dan li ġej:

“KAPITOLU 1a

Ċertifikat tas-saħħa

Għall-proteina pproċessata tal-annimali derivata mill-insetti mrobbija mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi t-taħlitiet u l-prodotti minbarra l-ikel għall-annimali domestiċi li jkun fih din il-proteina, għad-dispaċċ fl-Unjoni Ewropea jew għat-tranżitu minnha²

PAJJIŻ:

Ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji dwar id-dispaċċ tal-konsenja	I.1. Konsenjatur Isem Indirizz Nru tat-telefown			I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat		I.2.a.		
				I.3. Awtorità kompetenti ċentrali				
				I.4. Awtorità kompetenti lokali				
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Nru tat-telefown			I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE Isem Indirizz Kodiċi Postali Nru tat-telefown				
	I.7. Pajjiż tal-oriġini		Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini		Kodiċi ċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	
							I.10. Reġjun tad-destinazzjoni	
	I.11. Post tal-oriġini Isem approvazzjoni Indirizz Isem approvazzjoni Indirizz Isem approvazzjoni Indirizz			Numru	tal-	I.12. Post tad-destinazzjoni Isem Indirizz Kodiċi Postali		
				Numru	tal-	Maħżen doganali <input type="checkbox"/> Numru tal-approvazzjoni		
				Numru	tal-			
I.13. Post tat-tagħbija				I.14. Data tat-tluq				
I.15. Mezz tat-trasport <input type="checkbox"/> Ajruplan <input type="checkbox"/> Bastiment <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni Referenzi tad-dokumentazzjoni				I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE				
				I.17.				
I.18. Deskrizzjoni tal-komodità					I.19. Kodiċi tal-komodità (il-Kodiċi tas-SA)			
					I.20. Kwantità			
I.21. Temperatura tal-prodott Ambjentali <input type="checkbox"/> Imkessaħ <input type="checkbox"/> Iffriżat <input type="checkbox"/>					I.22. Għadd ta' pakketti			
I.23. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur					I.24. Tip ta' imballaġġ			
I.25. Komoditajiet iċċertifikati għal: Għalf tal-annimali <input type="checkbox"/> Użu tekniku <input type="checkbox"/> Fertilizzanti organiċi u materjali li jtejbju l-ħamrija <input type="checkbox"/> Manifattura tal-ikel tal-annimali domestiċi <input type="checkbox"/>								
I.26. Għat-tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz <input type="checkbox"/> Pajjiż terz Kodiċi ISO				I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE <input type="checkbox"/>				

I.28. Identifikazzjoni tal-komoditajiet

Speċi (isem xjentifiku)	Natura tal-komodità	Numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura	Piż nett	Numru tal-lott
-------------------------	---------------------	-----------------------------------------------------------------------	----------	----------------

PAJJIŻ

Il-proteina pproċessata tal-annimali derivata mill-insetti mrobbija mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi t-taħlitiet u l-prodotti l-oħra li jkun fihom din il-proteina, minbarra l-ikel għall-annimali domestiċi

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ- ċertifikat	II.b.
<p>Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ^(1a) u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu, u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ^(1b), u b'mod partikolari l-Anness X, il-Kapitolu II, t-Taqsima 1 u L-Anness XIV, Il-Kapitolu I tiegħu, u niċċertifika li:</p> <p>II.1. il-proteina pproċessata tal-annimali derivata mill-insetti mrobbija jew il-prodott deskritt hawn fuq fihom biss proteina pproċessata tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem li:</p> <p>(a) tħejjiet u nħażnet fi stabbiliment jew f'impjant approvat u b'supervizzjoni mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, u</p> <p>(b) tħejjiet esklussivament mill-insetti mrobbija tal-ispeċijiet li ġejjin:</p> <p>⁽²⁾ jew [- id-dubbiena suldat sewda (<i>Hermetia illucens</i>);]</p> <p>⁽²⁾ u/jew [- id-dubbiena tad-djar (<i>Musca domestica</i>);]</p> <p>⁽²⁾ u/jew [- id-dudu tad-dqiq (<i>Tenebrio molitor</i>);]</p> <p>⁽²⁾ u/jew [- id-dudu tad-dqiq żgħir (<i>Alphitobius diaperinus</i>);]</p> <p>⁽²⁾ u/jew [- il-grillu tad-djar (<i>Acheta domestica</i>);]</p> <p>⁽²⁾ u/jew [- il-grillu tropikali (<i>Grylodes sigillatus</i>);]</p> <p>⁽²⁾ u/jew [- il-grillu tal-għelieqi (<i>Gryllus assimilis</i>).]</p> <p>⁽²⁾ u/jew [- id-dudu tal-ħarir (<i>Bombyx mori</i>).]</p> <p>u</p> <p>(c) ġiet ipproċessata skont il-metodu [1]-[2]-[3]-[4]-[5]-[7]⁽²⁾, kif stabbilit fl-Anness IV, il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 142/2011;</p> <p>u</p> <p>(d) is-substrat għat-tagħlif tal-insetti mrobbija għandu jkun jinkludi biss prodotti li ma joriġinawx mill-annimali jew il-prodotti li joriġinaw mill-annimali tal-materjali tal-Kategorija 3 li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> - il-fracass tal-fdal tal-ħut; - il-prodotti tad-demmi mill-annimali li mhumiex ruminanti; - il-fosfat tad-dikalċju u tat-trikalċju li joriġina mill-annimali; - il-proteini idrolizzati mill-annimali li mhumiex ruminanti; - il-proteini idrolizzati mill-ġlud ta' annimali ruminanti; - il-ġelatina u l-kollaġen mill-annimali li mhumiex ruminanti; - il-bajd u l-prodotti tal-bajd; - il-ħalib, il-prodotti tal-ħalib, il-prodotti derivati mill-ħalib u l-kolostru; - l-għasel; - ix-xaħmijiet imdewba; <p>u</p> <p>(e) is-substrat għat-tagħlif tal-insetti u l-insetti jew il-larvi tagħhom ma ġiex f'kontatt ma' xi materjali oħra li joriġinaw mill-annimali minbarra daww imsemmijin fil-punt (d) u ma kienx jinkludi demel, skart tal-catering jew skart ieħor.</p> <p>II.2. l-awtorità kompetenti eżaminat kampjun aleatorju immedjatament qabel id-dispaċċ u sabitu konformi mal-istandards li ġejjin⁽³⁾:</p> <p>Salmonella: Niegħsa f'25 g: n = 5, c = 0, m = 0, M = 0</p> <p>Enterobacteriaceae: n = 5, c = 2, m = 10, M = 300 fi 1g;</p> <p>II.3. il-prodott kien soġġett għall-prekawzjonijiet kollha biex tkun evitata l-kontaminazzjoni mill-</p>		

PAJJIŻ

Il-proteina pproċessata tal-annimali derivata mill-insetti mrobbija mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi t-taħlitiet u l-prodotti l-oħra li jkun fihom din il-proteina, minbarra l-ikel għall-annimali domestiċi

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<p>ġdid b'aġenti patoġeniċi wara t-trattament;</p>		
<p>II.4. il-prodott finali:</p>		
<p>(²)<i>jew</i> [ġie ppakkjat f'boroż ġodda jew sterilizzati,]</p>		
<p>(²)<i>jew</i> [ġie ttrasportat bl-ingrossa f'kontejners jew f'mezzi oħra tat-trasport li tnaddfu u ġew iddiżinfettati sew qabel ma ntużaw,]</p>		
<p>li għandhom tikketti li jindikaw li “MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM / PROTEINA PPROĊESSATA TAL-INSETTI — MA GĦANDHIEX TINTUŻA FL-GĦALF GĦALL-ANNIMALI TAR-RAZZETT, ĦLIEF GĦALL-ANNIMALI TAL-AKKWAKULTURA, GĦALL-ANNIMALI TAL-PIL, GĦALL-ANNIMALI PORĊINI U GĦALL-POLLAM”;</p>		
<p>II.5. il-prodott finali kien maħżun f'maħżen magħluq;</p>		
<p>(²)II.6. il-proteina pproċessata tal-annimali jew il-prodott deskritt hawn fuq fihom jew ġew derivati mill-prodotti sekondarji tal-annimali li joriġinaw mill-annimali ruminanti u:</p>		
<p>(²)<i>jew</i> [joriġinaw minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat bħala pajjiż li għandu riskju negliġibbli tal-BSE f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE, u li fih ma kien hemm l-ebda każ indiġenu tal-BSE, u]</p>		
<p>(²)<i>jew</i> [joriġinaw minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat bħala pajjiż li għandu riskju negliġibbli tal-BSE f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE li fiha kien hemm każ indiġenu tal-BSE, u l-prodott sekondarju tal-annimali jew il-prodott derivat kienu derivati mill-annimali li twieldu wara d-data minn meta bdiet tiġi effettivament infurzata l-projbizzjoni fuq it-tagħlif tal-annimali ruminanti bil-fracass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam u bil-qrieqeċ derivati mill-annimali ruminanti, kif iddefinit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH, World Organisation for Animal Health), f'dak il-pajjiż jew f'dak ir-reġjun, u]</p>		
<p>(²)<i>jew</i> [huma derivati minn annimali ruminanti oħra li mhumiex annimali bovini, ovini jew kaprini.]</p>		
<p>(²)<i>jew</i> [huma derivati mill-annimali bovini, ovini jew kaprini u ma fihomx u mhumiex derivati minn:</p>		
<p>(²)<i>jew</i> [materjali bovini, ovini u kaprini minbarra dawk derivati mill-annimali li twieldu, dejjem trabbew u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju negliġibbli tal-BSE f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE.]</p>		
<p>(²)<i>jew</i> [(a) materjal ta' riskju speċifikat kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁴⁾;</p>		
<p>(b) laħam isseparat b'mod mekkaniku miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini, ħlief minn dawk tal-annimali li twieldu, dejjem trabbew u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat li għandu riskju negliġibbli tal-BSE f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE⁽⁵⁾, li fih ma kien hemm l-ebda każ indiġenu tal-BSE,</p>		
<p>(c) prodott sekondarju tal-annimali jew prodott derivat miksub mill-annimali bovini, ovini jew kaprini li wara l-isturdament inqatlu permezz tal-laċerazzjoni tat-tessut nervuż ċentrali bi strument tawwali forma ta' virga li</p>		

PAJJIŻ

Il-proteina pproċessata tal-annimali derivata mill-insetti mrobbija mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi t-taħlitiet u l-prodotti l-oħra li jkun fihom din il-proteina, minbarra l-ikel għall-annimali domestiċi

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<p>II.7. il-proteina pproċessata tal-annimali jew il-prodott deskritt hawn fuq:</p> <p>(²)<i>jew</i> [ma fihomx ħalib jew prodotti tal-ħalib li joriġinaw mill-annimali ovini jew kaprini jew mhumiex maħsuba għall-għalf għall-annimali tar-razzett, minbarra l-annimali tal-pil.]</p> <p>(²)<i>jew</i> [fihom ħalib jew prodotti tal-ħalib li joriġinaw mill-annimali ovini jew kaprini u huma maħsuba għall-għalf għall-annimali tar-razzett, minbarra l-annimali tal-pil, li:</p> <p>(a) huma derivati mill-annimali ovini u kaprini li nżammu kontinwament mit-twelid f'pajjiż fejn il-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:</p> <p>(i) l-israpie klassika hija notifikabbli b'mod obligatorju;</p> <p>(ii) hemm fis-seħħ sistema ta' sensibilizzazzjoni, sorveljanza u monitoraġġ tal-israpie klassika;</p> <p>(iii) fil-każ ta' suspett tat-TSE jew tal-konferma tal-israpie klassika japplikaw ir-restrizzjonijiet uffiċjali għall-azjendi agrikoli tal-annimali ovini jew kaprini;</p> <p>(iv) l-annimali ovini u kaprini affettwati mill-israpie klassika jinqatlu u jinqerdu;</p> <p>(v) it-tagħlif tal-annimali ovini u kaprini bil-fracass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew bil-qrieqeċ li joriġinaw mill-annimali ruminanti, kif iddefinit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-WOAH, ġie pprojbit, u l-projbizzjoni ilha infurzata b'mod effettiv fil-pajjiż kollu għal perjodu ta' mill-inqas is-7 snin ta' qabel;</p> <p>(b) joriġinaw minn azjendi agrikoli fejn ma hemm imposta l-ebda restrizzjoni uffiċjali minħabba suspett ta' TSE;</p> <p>(c) joriġinaw minn azjendi agrikoli fejn ma kien hemm l-ebda dijanjożi tal-israpie klassika matul perjodu ta' mill-inqas is-7 snin ta' qabel inkella fejn, wara l-konferma ta' każ tal-israpie klassika:</p> <p>(²)<i>jew</i> [l-annimali ovini u kaprini kollha fl-azjenda agrikola nqatlu u nqerdu jew tbiċċru, ħlief l-imtaten tat-tgħammir tal-ġenotip ARR/ARR, in-nagħaġ tat-tgħammir li għandhom mill-inqas allel ARR wieħed u l-ebda allel VRQ, u annimali ovini oħrajn li jkollhom mill-inqas allel ARR wieħed;]</p> <p>(²)<i>jew</i> [l-annimali kollha li ġew ikkonfermati li kellhom l-israpie klassika nqatlu u nqerdu, u l-azjenda agrikola ilha soġġetta għall-monitoraġġ intensifikat għat-TSE għal mill-inqas sentejn mid-data tal-konferma tal-aħħar każ tal-israpie klassika, inkluż bl-ittestjar għall-preżenza tat-TSE fl-annimali kollha li ġejjin li jkollhom aktar minn 18-il xahar, ħlief l-annimali ovini tal-ġenotip ARR/ARR, skont il-metodi tal-laboratorju stipulati fl-Anness X, il-Kapitolu C, il-punt 3.2 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, b'riżultati negattivi:</p>	<p>jiddaħħal fil-kavità kranjali, jew permezz tal-gass injettat fil-kavità kranjali, ħlief dawk l-annimali li twieldu, dejjem trabbew u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju negliġibbli tal-BSE f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE.]</p>	

PAJJIŻ

Il-proteina pproċessata tal-annimali derivata mill-insetti mrobbija mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi t-taħlitiet u l-prodotti l-oħra li jkun fihom din il-proteina, minbarra l-ikel għall-annimali domestiċi

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<p>II.8. [il-proteina pproċessata tal-annimali jew il-prodott deskritt hawn fuq fihom jew huma derivati mill-prodotti sekondarji tal-annimali li ma joriġinawx mill-annimali ruminanti u, f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Konsenjatur imsemmija fil-Kaxxa I.1,</p> <p>(²)<i>jew</i> [mhumieħ maħsuba għall-produzzjoni tal-għalf għall-annimali tar-razzett, minbarra l-annimali tal-pil.]</p> <p>(²)(⁶)<i>jew</i> [huma maħsuba għall-produzzjoni tal-għalf għall-annimali tar-razzett li mhumieħ annimali ruminanti, minbarra l-annimali tal-pil, u l-Konsenjatur impenja ruħu li jiżgura li l-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni Ewropea se jingħata r-riżultati tal-analiżijiet imwettqa f'konformità mal-metodi stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009(⁷).]</p>	<p>– l-annimali li tbiċċru għall-konsum mill-bniedem; u</p> <p>– l-annimali li mietu jew inqatlu fl-azjenda agrikola iżda li ma nqatlux fil-qafas ta' kampanja ta' eradikazzjoni tal-mard.]</p>	
<p>Noti</p>		
<p>Parti I:</p>		
<ul style="list-style-type: none"> – Kaxxa bin-numru ta' referenza I.6: Il-persuna responsabbli mill-konsenja fl-Unjoni Ewropea: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal komodità fi tranżitu mill-Unjoni Ewropea; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal komodità li għandu jiġi importat fl-Unjoni Ewropea. – Kaxxa bin-numru ta' referenza I.12: Post tad-destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal komodità fi tranżitu. Il-prodotti fi tranżitu għandhom jinħażnu biss f'żoni ħielsa, fi mħażen ħielsa u fi mħażen doganali. – Kaxxa bin-numru ta' referenza I.15: in-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplani) jew l-isem (bastimenti); l-informazzjoni għandha tingħata f'każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid. – Kaxxa bin-numru ta' referenza I.19: uża l-Kodiċi xieraq tas-SA: 05.11, 23.01 jew 23.09. – Kaxxa bin-numru ta' referenza I.25: użu tekniku: kwalunkwe użu għajr it-tagħlif tal-annimali tar-razzett, minbarra l-annimali tal-pil, u l-produzzjoni jew il-manifattura tal-ikel għall-annimali domestiċi. – Kaxxa bin-numru ta' referenza I.26 u I.27: imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed tat-tranżitu jew tal-importazzjoni. – Kaxxa bin-numru ta' referenza I.28: Speċi: insetti, speċifika l-isem xjentifiku. 		
<p>Parti II:</p>		
<p>(^{1a}) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.</p>		
<p>(^{1b}) ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1.</p>		
<p>(²) Ħassar kif xieraq.</p>		
<p>(³) Meta:</p>		
<p>n = l-għadd ta' kampjuni għall-ittestjar;</p>		
<p>m = il-valur limitu tal-għadd ta' batterji; ir-riżultat ikun ikkunsidrat sodisfaċenti jekk l-għadd ta' batterji fil-kampjuni kollha ma jaqbiżx l-m;</p>		
<p>M = il-valur massimu tal-għadd ta' batterji; ir-riżultat ma jkunx ikkunsidrat sodisfaċenti jekk l-għadd ta' batterji f'kampjun wieħed jew aktar ikun M jew aktar; u</p>		
<p>c = l-għadd ta' kampjuni li l-għadd ta' batterji tagħhom jista' jkun ta' bejn m u M, il-kampjun jibqa' jkun ikkunsidrat aċċettabbli jekk l-għadd ta' batterji tal-kampjuni l-oħra jkun m jew inqas.</p>		

PAJJIŻ

Il-proteina pproċessata tal-annimali derivata mill-insetti mrobbija mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi t-taħlitiet u l-prodotti l-oħra li jkun fihom din il-proteina, minbarra l-ikel għall-annimali domestiċi

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<p>(⁴) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.</p> <p>(⁵) ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84.</p> <p>(⁶) Il-Persuna responsabbli mit-tagħbija msemmija fil-Kaxxa I.6 għandha tiżgura li, jekk il-proteina pproċessata tal-annimali jew il-prodott deskritti f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa humiex maħsuba biex jintużaw għall-produzzjoni tal-għalf għall-annimali tar-razzett li mhumiex annimali ruminanti, minbarra l-annimali tal-pil, il-konsenja trid tiġi analizzata f'konformità mal-metodi stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 152/2009, sabiex jiġi vverifikat in-nuqqas ta' kostitwenti mhux awtorizzati li jorġinaw mill-annimali. L-informazzjoni dwar ir-riżultat ta' din l-analiżi għandha tinhemeż ma' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa meta tiġi ppreżentata l-konsenja f'post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-UE.</p> <p>(⁷) ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1.</p> <p>– Il-kulur tal-firma u tat-timbru għandu jkun differenti minn dak tal-istampar.</p> <p>– Nota għall-persuna responsabbli mill-konsenja fl-Unjoni Ewropea: Dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jinżamm mal-konsenja sakemm tasal fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera.</p>		
<p>Veterinarju uffiċjali/Spettur uffiċjali</p> <p>Isem (b'ittri kbar):</p> <p>Data:</p> <p>Timbru:</p> <p>Kwalifika u titlu:</p> <p>Firma:</p>		

“;

(b) Il-Kapitolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“KAPITOLU 17

Ċertifikat tas-saħħa

Għad-demel ipproċessat, għall-prodotti derivati mid-demel ipproċessat, mill-frass ipproċessat u mill-gwanu tal-friefet il-lejl maħsubin għad-dispaċċ fl-Unjoni Ewropea jew għat-tranżitu minnha²

PAJJIŻ		Ċertifikat veterinarju għall-UE	
Parti I:	I.1	Konsenjatur/Esportatur Isem Indirizz Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż	I.2 Referenza taċ-ċertifikat I.3 Awtorità kompetenti ċentrali I.4 Awtorità kompetenti lokali
	I.2a	Referenza tal-IMSOC	KODIĊI QR
	I.5	Destinatarju/Importatur	

Isem	Isem
Indirizz	Indirizz
Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż
I.7 Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO tal-pajjiż
I.8 Reġjun tal-oriġini	Kodiċi
I.11 Post tad-dispaċċ	I.12 Post tad-destinazzjoni
Isem	Isem
Indirizz	Indirizz
Pajjiż	Pajjiż
Nru tar-reġstrazzjoni/tal-approvazzjoni	Nru tar-reġstrazzjoni/tal-approvazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż
I.13 Post tat-tagħbija	I.14 Data u ħin tat-tluq
I.15 Mezz tat-trasport	I.16 Post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul
<input type="checkbox"/> Inġenju tal-ajru	I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament
<input type="checkbox"/> Bastiment	Tip
<input type="checkbox"/> Ferrovija	Kodiċi
<input type="checkbox"/> Vettura tat-triq	Pajjiż
Identifikazzjoni	Referenza tad-dokument kummerċjali
I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport	<input type="checkbox"/> Imkessaħ
<input type="checkbox"/> Ambientali	<input type="checkbox"/> Iffriżat
I.19 Nru tal-kontenitur/nru tas-siġill	
Nru tal-kontenitur	Nru tas-siġill
I.20 Iċċertifikat bħala jew għal	
<input type="checkbox"/> Fertilizzanti organiċi u materjali li jtejbju l-ħamrija	
I.21 <input type="checkbox"/> Għat-tranżitu	I.22 <input type="checkbox"/> Għas-suq intern
Pajjiż terz	I.23 <input type="checkbox"/> Għad-dħul mill-ġdid
Kodiċi ISO tal-pajjiż	
I.24 Għadd totali ta' pakketti	I.25 Kwantità totali
	I.26 Piż nett/piż gross totali (F'kg)
I.27 Deskrizzjoni tal-konsenja	
Numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti	
Speċi (isem xjentifiku)	Natura tal-komodità
Impjant tal-manifattura	Għadd ta' pakketti
Piż nett	Numru tal-lott

PAJJIŻ	Demel ipproċessat, prodotti derivati mid-demel ipproċessat, mill-frass ipproċessat u mill-gwanu tal-friefet il-lejl ipproċessat	
	II.a Referenza taċ-ċertifikat	II.b Referenza tal-IMSOC
II. Informazzjoni dwar is-sahha		

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottomskritt, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^(1a) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011^(1b), u b' mod partikolari l-Anness XIV il-Kapitolu II tiegħu, u niċċertifika li l-prodotti sekondarji tal-annimali deskritti hawn fuq:

II.1. ġejjin minn impjant għall-manifattura ta' prodotti għal skopijiet minbarra għall-għalf tal-annimali tar-razzett, minn impjant tal-bijogass jew minn impjant tal-kompost approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz li jissodisfa l-kundizzjonijiet speċjali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u fir-Regolament (UE) Nru 142/2011;

II.2⁽²⁾ ġew soġġetti għal:

[proċess ta' trattament bis-sħana ta' mill-inqas 70 °C għal mill-inqas 60 minuta;] jew

[fil-każ tad-demel ipproċessat, u tal-prodotti derivati mid-demel ipproċessat u mill-gwanu tal-friefet il-lejl ipproċessat, trattament ekwivalenti vvalidat u awtorizzat mill-Istat Membru importatur f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u fir-Regolament (UE) Nru 142/2011 kif ġejj:

.....
.....
.....];

II.3. huma:

(a) ħielsa mis-Salmonella (l-ebda Salmonella fi prodott ittrattat ta' 25 g);

(b) ħielsa mill-*Escherichia coli* jew mill-*Enterobacteriaceae* (abbażi tal-għadd aerobiku: inqas minn 1 000 cfu għal kull gramma ta' prodott ittrattat); u

ġew soġġetti għat-tnaqqis tal-batterji li jiffurmaw l-ispori u tal-formazzjoni ta' tossini;

II.4. mhumiex lixkiet għall-kaċċa abbażi tal-awrina derivata miċ-ċervidi;

II.5. huma magħluqa b'mod sigur:

(a) f'kontenituri ssiġillati u iżolati sew, jew

(b) f'pakketti ssiġillati sew (boroż tal-plastik jew "boroż kbar").

Noti

Parti I:

- Kaxxa bin-numru ta' referenza I.6: Il-persuna responsabbli mill-konsenja fl-Unjoni Ewropea: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal komodità fi tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal komodità importata.
- Kaxxa bin-numru ta' referenza I.11 u I.12: Numru tal-approvazzjoni: in-numru tar-reġistrazzjoni tal-istabbiliment jew tal-impjant li jkun inħareġ mill-awtorità kompetenti.
- Kaxxa bin-numru ta' referenza I.12: Post tad-destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal komodità fi tranżitu. Il-komoditajiet fi tranżitu għandhom jinħażnu biss f'żoni ħielsa, f'imħażen ħielsa u f'imħażen doganali.
- Kaxxa bin-numru ta' referenza I.15: in-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplani) jew l-isem (bastimenti); l-informazzjoni għandha tingħata f'każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.
- Kaxxa bin-numru ta' referenza I.19: għall-kontejners għal kwantitajiet kbar għandu jingħata n-numru tal-kontejner u tas-siġill (jekk ikun japplika).
- Kaxxa bin-numru ta' referenza I.20: użu tekniku: kwalunkwe użu minbarra għall-konsum mill-annimali.
- Kaxxi bin-numru ta' referenza I.21, I.22 u I.23: imla skont jekk iċ-ċertifikat huwiex wieħed ta' tranżitu, ta' importazzjoni jew ta' dħul mill-ġdid.
- Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Natura tal-komodità: niżżel jekk huwiex demel ipproċessat, prodott derivat mid-demel ipproċessat, mill-frass ipproċessat jew mill-gwanu tal-friefet il-lejl.

Parti II:

^(1a) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

^(1b) ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1.

⁽²⁾ Ħassar kif xieraq.

- Nota għall-persuna responsabbli mill-konsenja fl-Unjoni Ewropea: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jinżamm mal-konsenja sakemm tasal fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-Unjoni

Ewropea.

Veterinarju uffiċjali/Spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kbar)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

;

Parti 2
Korrezzjoni tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011

Fl-Anness XIV, il-Kapitolu II, it-Taqsima 1, it-Tabella 2, ir-ringiela 14, fil-ħames kolonna bit-titolu “Listi ta’ pajjiżi terzi”, il-punt (b) huwa kkoreġut u sostitwit b’dan li ġej:

“(b) Fil-każ ta’ prodotti sekondarji tal-annimali għall-manifattura tal-farmaċewtiċi:

il-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness XIII jew fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404; u fl-Annessi I, V u VI tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/405.

Fil-każ tal-materjal mill-ħut, il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness IX tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/405.”.